MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 120/2010

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-9 ta' Frar 2010 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' erbgha u tmenin elf erbgha mija u disgha u sittin ewro u tmien centezmi (€84,469.08) ghal servizzi tat-telefon. Servizz relatat man-numri tat-telefon 21334301, 21340449, 21346053, 21343660, 21347798, 21343777, 21336418, 21346054, 21346055, 21346056, 21570950, 21570970, 21570980, 21577775, 21582977, 21583175, 21571424 u 21571576,

kif ukoll servizz ta’ ADSL fil-lukanda Sovreign Hotel, Sliema.

Il-konvenuta wiegbet li:-
1. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
2. Il-konvenuta m’hijiex il-legittimu kontradittur ghall-parti kbira mill-hlas mitlub u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghal dawk is-servizzi li m’humiex registrati f’isimha.
3. Ma hijiex debitrici tas-socjeta attrici fis-somma li qeghda tintalab.

Il-qorti rat l-atti.

Jirrizulta li l-konvenuta tmexxi l-lukanda Windsor Hotel li qeghda tas-Sliema.

**Preskrizzjoni**.

Fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni l-konvenut illimitat ruhha biex tiddikjara li:-

*“Illi l-kawza odjerna giet ipprezentata nhar id-9 ta’ Frar 2010, u giet notifikata lill-esponenti nhar it-18 ta’ Frar 2010;*

*Illi mill-atti, ma jirrizultax illi kienet saret xi interpellazzjoni gudizzjarja precedenti li jista’ jinghad illi nterrompiet il-preskrizzjoni ta’ hames snin eccepita mill-esponenti.”*[1].

L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma ssir biss billi tintbaghat ittra ufficjali lid-debitur. L-Artikolu 2134 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*“Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih.”*.

[1] Ara nota ta’ sottomissjonijiet prezentata fil-5 ta’ Ottubru 2012.

Jirrizulta li fir-rigward tal-kontijiet oggett ta' dawn il-proceduri, saru hlasijiet qabel ghaddew il-hames snin. Dawn il-hlasijiet taw lok biex iz-zmien tal-preskrizzjoni rega' beda ghaddej mill-gdid (Artikolu 2136).

Dan apparti l-fatt li Ronald Azzopardi stess xehed:-

*"Mistoqsi jekk ghadx hemm xi bilanci dovuti, nghid li iva nahseb li hemm."*[2].

Mir-rendikonti li pprezentat l-attrici jirrizulta li minn zmien ghal zmien kienu qeghdin isiru hlasijiet. Dan wassal ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

**Legittimu kontradittur**.

Din l-eccezzjoni qeghda tirreferi ghal dawk in-numri tat-telefon li qeghdin fil-lukanda Crown li titmexxa mill-Crown Hotels Limited. Dawn in-numri huma 21570950, 21570970, 21570980, 21577775, 21582977, 21583175, 21571424 u 21571576.

Il-fatt li dan is-servizz jinsab f'lukanda li m'hijiex tal-kumpannija konvenuta, ma jfissirx li m'hijiex il-legittimu kontradittur. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta ssostni li gialadarba *"...qatt ma bbenefikat mis-servizzi li gew moghtija mill-attrici f'dan ir-rigward"*, il-hlas m'huwiex dovut minnha. Il-qorti ma taqbilx. Kollox jiddependi mill-kuntratti li gew iffirmati ghall-ghoti tas-servizz. Fil-fatt jirrizulta li fir-rigward tan-numri tat-telefon:-

**21570950, 21570970, 21570980, 21582977, 21583175** – il-kuntratti ffirmahom Ronald Azzopardi ghan-nom ta' Sovereign Hotels Limited[3]. L-istess persuna li f'din il-kawza kien qieghed jirraprezenta lill-konvenuta.

**21571424** – iffirmat ghan-nom ta' Sovereign Hotels Limited. Ghalkemm m'huwiex car min kien il-firmatarju ta'

[2] Fol. 246.
[3] Fol. 152-156.

dan il-ftehim, jibqa’ l-fatt li gie ffirmat ghan-nom tal-konvenuta. Dwar dan Ronald Azzopardi ma ta l-ebda hjiel.

**21571576** – iffirmat minn Karl Gaffiero ghan-nom ta’ Sovereign Hotels Limited. Jidher li din il-persuna kienet ghamlet zmien tokkupa l-kariga ta’ General Manager. Ronald Azzopardi xehed: *“Normalment il-General Manager irid jitlob permess tad-Direttur qabel ma japplika ghal-linja tat-telefon.”*[4]. Il-qorti hi tal-fehma li persuna li tokkupa kariga ta’ general manager, li normalment tinvolvi t-tmexxija tan-negozju, ghandha tkun prezunta li ghandha awtorita li tiffirma ftehim ghal servizz tat-telefon.

Fattur iehor hu kif matul dawn is-snin kollha li kienu qeghdin jintuzaw il-linji tat-telefon meritu ta’ din il-kawza, ma jirrizultax li xi rapprezentant tal-kumpannija konvenuta qatt ilmenta mill-fatt li l-kontijiet li hemm fil-Crown Hotel kienu qeghdin jinhargu f’isem Sovreign Hotel Limited.

**<u>Meritu</u>**.

Il-konvenuta ssostni li gew imputati hlasijiet ghal dejn li hu ta’ Crown Hotels Limited. Ghalkemm jirrizulta li qieghed jintalab ukoll hlas ghall-servizz tat-telefon li jinsab fil-Crown Hotel, il-kuntratti saru f’isem il-kumpannija konvenuta. Ghalhekk tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, fir-rigward ta’ dawk in-numri tat-telefon li qeghdin fil-lukanda Crown Hotel.

Ronald Azzopardi xehed li meta beda jmexxi l-lukandi hu kien qal lil zewg ufficjali tal-kumpanniji attrici biex jinqatghu l-kontijiet iz-zghar meta jsir il-hlas. Madankollu qal ukoll *“Lil dawn it-tnejn min-nies qatt ma tajthom struzzjonijiet fen ghandhom jimputaw il-hlas.”*[5]. Il-kontijiet huma kollha f’isem il-kumpannija konvenuta.

Il-konvenuta tilmenta li l-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni *“....ghad-diversi tipi ta’ transazzjonijiet li jidhru”* fid-dokumenti C1 sa C12. Il-qorti ma tifhimx xi spjegazzjoni

---

[4] Fol. 245.
[5] Fol. 245.

tippretendi li kellha tinghata. Id-dokumenti huma cari fis-sens li l-hlas qieghed jintalab ghal telefonati lokali u barra minn Malta, kiri, *Late Payment Interest* u *Late Pay Penalty Charge*.

Il-qorti taqbel li l-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar *entry Late Payment Interest* li hemm f'kull kont, u kif din giet mizjuda mal-kapital. F'dan ir-rigward ser tnaqqas l-ammont skond il-kalkoli li ghamlet il-konvenuta. Dan ifisser tnaqqis ta' **dsatax-il elf sebgha mija u tlieta u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€19,733.72)** mill-ammont li qeghda tippretendi l-attrici.
Ghal dak li jikkoncerna s-servizz tal-internet bl-ADSL, Ronald Azzopardi stess ikkonferma li jinsab fil-lukanda Sovereign. Ghalhekk il-qorti ma tifhimx x'jista' jkun l-ilment tal-konvenuta fir-rigward tal-hlas ta' €737.12 li qeghda tippretendi fir-rigward ta' dan is-servizz ghall-perjodu mill-24 ta' Settembru 2008 sas-17 ta' Novembru 2009[6].

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni.**
**3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni limitatament fir-rigward tal-hlas li ntalab bhala *Late Payment Interest*, u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' erbgha u sittin elf sebgha mija u hamsa u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€64,735.36) bl-imghax mid-data ta' kull kont li ghadu ma thallasx.**

**Spejez relatati mal-ewwel u tieni eccezzjoni a karigu tal-konvenuta. Fir-rigward tal-kumplament spejjez jinqasmu in kwantu ghal 76% a karigu tal-konvenuta u 24% a karigu tal-attrici**.

**< Sentenza Finali >**

[6] Ara Dok. PZ1 (fol. 172-175).

---------------------------------TMIEM---------------------------------